MISSION FUND

NO: 108 DIĊEMBRU 2013 - FRAR 2014

NEWSPAPER POST




EDITORIAL

## Il-Ġenerożita` tal-Benefatturi tasal il-Kenja

Dan l-aħħar qrajna u smajna ħafna fuq il-Papa Franġisku, kemm jixtieq Knisja Missjunarja u li taħdem aktar b'risq il-faqar fid-dinja. Dan bir-ragun, għax ra, miss, ħadem u għix mal-fqar u jsemmihom kważi f'kull diskors tiegħu. Huwa dover ta' kull nisrani, li mhux biss nitħassru l-foqra jew nikkundannaw il-mexxejja tagħhom, imma li nagħmlu xi ħaġa aħna, skond il-mezzi tagħna. Dan huwa l-iskop prinċipali tal-Mission Fund, li b'mod konkret ngħinu lill-Missjunarji u fejn nistgħu, nindirizzaw il-faqar minn ras il-għajn u personalment.

Din is-sena bl-għajnuna t'Alla, il-Mission Fund ser inkunu qassamna somma ta' flus rekord lill-Missjunarji Maltin u Għawdxin madwar id-dinja, għal ħtiġijiet fil-parroċċa tagħhom. F'Awwissu li għadda grupp ta' voluntiera għamilna xogħol fil-Kenja għand l-Isqof Malti Mons. Emanuel Barbara. Dan il-proġett kien bini ta' *Hostel* b'żewġ sulari, bħala estenzjoni ta' skola tal-Knisja f'żona fqira. Dan il-Hostel jikkonsisti f'50 kamra bħala dormitorju li jesgħu sitt student kull waħda, toilets, showers, washrooms u uffiċini oħra. Bħas-soltu il-binja bdiet bin-nies tal-lokal, tajna spinta fil-ħames ġimgħat li ħdimna magħhom u ħallejna flus biex ilestu l-binja ġebel u saqaf. Fil-fatt il-bini huwa lest u qed isir ix-xogħol biex jissaqqaf it-tieni sular. Dan ix-xogħol se jkun imħallas mill-Mission Fund.

Xogħol ieħor li sar f'din iż-żona huwa konness ma' l-ilma. B'dan qed nonoraw xewqa ta' donazzjoni qawwija biex tiġi investita fi proġetti li jissuplixxu l-ilma. Dan l-aħħar permezż ta' xi ħbieb, il-Mission Fund ħalset erba` spieri fejn l-ilma dejjem ġej u jittella bl-idejn, bil-barmil u l-ħabel. Rajna dan ix-xogħol lest, u rajna x'differenza għamlet kull spiera lill abitanti tal-madwar. Laqawna bil-ferħ u wrewna l-ilma kemm hu ċar u l-prodooti tar-raba'. F'kelma waħda, rizultat impressjonanti, għax fejn hemm l-ilma hemm il-ħajja. Aktar tard fittixna aktar żoni mingħajr ilma u stabilixxejna 45 post ieħor fejn se jitħafru bjar. Dawn ngħidulhom bjur komunitarji għax jista jużahom kullħadd u se jitħallsu mill-Mission Fund hekk kif kull wieħed ikun lest.

Sadattant il-ġenerożita tal-benefatturi tal-Mission Fund, ma ħallitniex nistennew is-sena l-ġdida. Minn Ottubru li għadda bdejna nibagħtu pagament fix-xahar biex jibda ix-xogħol u preparamenti oħra għal proġett ieħor fl-Indja. Dan se jkun għand il-Ġiżwiti fejn għad baqa` seba' missjunarji Maltin u Għawdxin mimlijin bl-għomor. Dawn imexxu skejjel, kulleġġi, orfanatrofji, sptarijiet u ċentri tas-saħħa. Dan il-proġett se jun bini tat-tieni sular fuq binja kbira li saret mill-Mission Fund is-sena l-oħra. Is-sular t'isfel huwa kważi lest bl-installazzjonijiet tad-dawl u ilma, kisi, aperturi u żebgħa. Jekk Alla jrid naraw dan ix-xogħol komplut meta l-voluntiera tal-Mission Fund nagħmlu esperjenza oħra ta' ħames ġimgħa f'Ottubru li ġej.

Dan l-investiment kollu b'risq il-foqra, huwa dovut għall-ġenerożita` tagħkom il-benefatturi tal-Mission Fund. Il-benefatturi għandhom iħossuhom parti mill-Knisja Missjunarja, li jixtieq il-Papa Frangisku. Ta' dan grazzi lil Alla li qed jinqeda bina, għax kif qal San Pawl: "Jiena ħawwilt, ħaddieħor saqqa, imma Alla Hu li kabbar"

Frans Scicluna

# CHRISTMAS BUFFET LUNCH

Post: **QAWRA PALACE HOTEL**, Coast Road, Qawra

Meta: L-Ġimgħa **13 ta' Diċembru, 2013** f'nofsinhar

Prezz: Kbar €18.00 / Tfal bejn is-6 u t-12 'il sena €10.00

## BUFFET LUNCH MENU

A Selection of Salads and Cold Cuts from the Buffett Table

*****

Pumpkin & Carrot Soup with a touch of Curry

*****

Baked Pasta au Gratin

*****

Roast Salmon with Shrimp Bisque

*****

Grilled Turkey Breast

*****

Vegetables and Potatoes

*****

Glass of Wine or soft Drink

*****

Selection of Desserts from the Sweet Table

******

Including Fresh Fruit, Fruit Salads and Ice Cream

***Ejjew u ġibu magħkom lill-ħbieb u l-qraba. Aħsbu kmieni għax il-postijiet huma limitati. Transport provdut bi ħlas extra. Għal aktar informazzjoni u booking ċemplu l-uffiċċju fuq tel: 21413664, ( mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-09.00 sas-13.00 ), jew lil Charles Decelis 21575351 / 99885078. Tistgħu wkoll tixtru l-biljetti online minn fuq is-sit www.ticketa.com.mt.***

**************************************************************************************

*Fil-Milied naħsbu ħafna biex nagħtu rigali lill-maħbubin tagħna. Nafu li intom tħobbu ħafna lill-foqra fl-artijiet tal-missjoni, għalhekk inħeġġukhom biex tagħmlu rigal b'donazzjoni u b'hekk tixegħlu l-qlub ta' tant imsejknin.*

------------------------------------------------ ***aqta` hawn*** -----------------------------------------------

*Jien* ________________________________ *li noqgħod*____________________________________

____________________________________________________ *Post Code:* ________________

*qed nibgħat €* _______ *permezz ta' cheque / money order pagabbli lill-Mission Fund.*



--------------------------------- ***aqta` hawn*** -----------------------------------

Il-Kumitat u l-membri tal-**MISSION FUND** jawguraw lill-benefatturi,

MILIED ĦIENI U SENA MIMLIJA BARKA U PAĊI FIL-MULEJ.

GRAZZI ħafna tal-għajnuna li tagħjtuna matul is-sena 2013.

*Il-Kumitat*